# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1473

**tas-17 ta' Lulju 2023**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 fir-rigward tal-pubblikazzjoni tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni għall-membrani li jintużaw taħt is-soqfa jew il-ħitan, jew it-tnejn, u prodotti oħra tal-kostruzzjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika jridu jużaw il-metodi u l-kriterji pprovduti fid-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti tal-kostruzzjoni koperti minn dawk id-dokumenti b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tagħhom.

(2) F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, wara diversi talbiet mingħand il-manifatturi għal Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika fasslet u adottat 20 Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.

(3) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni li fasslet u adottat l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika huma relatati mal-prodotti tal-kostruzzjoni li ġejjin:

— membrani li jintużaw taħt is-soqfa jew il-ħitan, jew it-tnejn;

— saffi tal-kontroll tal-fwar dipendenti fuq l-umdità;

— kisjiet ħoxnin tal-minerali modifikati tal-polimeru flessibbli;

— insulazzjoni termali magħmula mill-balal tat-tiben għall-bini;

— fowm minsuġ magħmul fil-fabbriki biex jintuża għall-insulazzjoni akustika u termali;

— folji tal-insulazzjoni magħmulin mill-poliuretan riċiklat biex jintuża għall-insulazzjoni akustika u termali;

— kit ta' elementi tal-poliuretan għal borduri tal-insulazzjoni termali ta' madwar it-twieqi magħmulin minn profili tal-klorur tal-polivinil mhux plastiċizzati;

— kits taċ-ċmieni reżistenti għan-nugrufum tan-nar b'pajpijiet tat-tafal jew taċ-ċeramika, li jaħdmu f'kundizzjonijiet umdużi u bi pressjoni negattiva/pożittiva (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi "060001-00-0802, 060003-00-0802 u 060008-00-0802");

— folji strutturali imminċottjati furketta bi gradi tas-saħħa u bil-bażi tal-furketta magħluqa – injam abjad;

— travi tal-injam prefabrikati magħmulin minn injam artab ipproċessat biex jintużaw bħala elementi strutturali fil-bini;

— saffi ta' taħt magħmulin minn fowm poliuretan granulat bis-sufra ġranulata jew mingħajrha;

— elementi ta' molol tal-azzar;

— panelli ta' komposti bbażati fuq l-injam għal disinji fuq il-ħitan jew is-soqfa interni, jew it-tnejn;

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

— kits għal soqfa ekoloġiċi;

— marki tat-toroq – elementi retroriflettivi;

— panelli tal-ħġieġ, madum u mużajk;

— ankri cast-in b'socket kamin interna (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 330012-00-0601");

— konnetturi tal-plastik riinforzati bil-fibri tal-ħġieġ biex jintużaw fil-ħitan intermedji u ewlenin magħmulin mill-konkrit;

— apparati ankra li jorbtu s-sistemi tal-protezzjoni personali mill-waqgħat ma' substrutturi tal-injam;

— elementi marbutin tal-fissaġġ biex jintużaw fil-konkrit.

(4) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni li fasslet u adottat l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika jissodisfaw l-eżiġenzi fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet tal-bini stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. Għalhekk jixraq li r-referenzi għal dawk id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Il-lista tar-referenzi għad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni tal-prodotti tal-kostruzzjoni ġiet ippubblikata skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 ([2]). Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-referenzi għad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni l-ġodda jenħtieġ li jiżdiedu ma' dik il-lista.

(6) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(7) Biex jiġi ffaċilitat l-użu tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni minn kmieni kemm jista' jkun, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 hu emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar il-pubblikazzjoni tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs) għall-prodotti tal-bini abbozzati b'appoġġ tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, 20.3.2019, p. 78).

*ANNESS*

Fl-Anness mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali skont l-ordni tan-numri ta' referenza:

| | |
|---|---|
| "030218-01-0402 | Membrani li jintużaw taħt is-soqfa jew il-ħitan, jew it-tnejn" |
| "030271-00-0605 | Saffi tal-kontroll tal-fwar dipendenti fuq l-umdità" |
| "030295-00-0605 | Kisjiet ħoxnin tal-minerali modifikati tal-polimeru flessibbli" |
| "040146-00-1201 | Insulazzjoni termali magħmula mill-balal tat-tiben għall-bini" |
| "040831-00-1201 | Fowm minsuġ magħmul fil-fabbriki biex jintuża għall-insulazzjoni akustika u termali" |
| "041369-00-1201 | Folji tal-insulazzjoni magħmulin mill-poliuretan riċiklat biex jintuża għall-insulazzjoni akustika u termali" |
| "041499-00-1201 | Kit ta' elementi tal-poliuretan għal borduri tal-insulazzjoni termali ta' madwar it-twieqi magħmulin minn profili tal-klorur tal-polivinil mhux plastiċizzati; |
| "060011-00-0802 | Kits taċ-ċmieni reżistenti għan-nugrufum tan-nar b'pajpijiet tat-tafal jew taċ-ċeramika, li jaħdmu f'kundizzjonijiet umdużi u bi pressjoni negattiva/pożittiva (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi '060001-00-0802, 060003-00-0802 u 060008-00-0802')" |
| "130321-00-0304 | Folji strutturali imminċottjati furketta bi gradi tas-saħħa u bil-bażi tal-furketta magħluqa — injam abjad" |
| "130323-00-0304 | Travi tal-injam prefabrikati magħmulin minn injam artab ipproċessat biex jintużaw bħala elementi strutturali fil-bini" |
| "190010-00-0502 | Saffi ta' taħt magħmulin minn fowm poliuretan granulat bis-sufra ġranulata jew mingħajrha" |
| "200112-00-0301 | Elementi ta' molol tal-azzar" |
| "210058-00-0504 | Panelli ta' komposti bbażati fuq l-injam għal disinji fuq il-ħitan jew is-soqfa interni, jew it-tnejn" |
| "220009-00-0401 | Kits għal soqfa ekoloġiċi" |
| "230064-00-0106 | Marki tat-toroq — elementi retroriflettivi" |
| "300002-00-1202 | Panelli tal-ħġieġ, madum u mużajk" |
| "330012-01-0601 | Ankri cast-in b'socket kamin interna (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 330012-00-0601')" |
| "330387-00-0601 | Konnetturi tal-plastik riinforzati bil-fibri tal-ħġieġ biex jintużaw fil-ħitan intermedji u ewlenin magħmulin mill-konkrit" |
| "331846-00-0603 | Apparati ankra li jorbtu s-sistemi tal-protezzjoni personali mill-waqgħat ma' substrutturi tal-injam" |
| "332795-00-0601 | Elementi marbutin tal-fissaġġ biex jintużaw fil-konkrit". |